GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 12 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2010, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Performance Appraisals;
5. Toroq;
6. Impjant taż-Żejt;
7. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 11 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Is-Segretarju qalet li f'item Nru 3 Korrispondenza f'Nru 24 tiddahhal fl-ahhar tal paragrafu is-sentenza "Is-Segretarju qalet li dan isir jekk mhux kontra l-ligi". Peress li ma kienx hemm rimarki ohra huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**Hawnhekk is-Sur Abdilla qal li ma kienx avzat li s-Sindku kien sejjah laqgha il-Kunsill dwar l-Impjant taz-Zejt. Is-Segretarju qalet li hi qalet lil li iskrivana biex iccempel il-kunsillieri, u fil fatt li skrivana cemplet lis-Sinjura Agius u lis-Sur Pico izda mhux lis-Sur Abdilla. Il-Kunsillier Attard kien infurmat mis-Sindku.**

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Kif kien deċiz mil-Kunsill f'Laqgha Nru. 9, mill-1 ta' Jannar 2010, il-Kunsill beda jaċċetta kuljum il-ħlasijiet kollha li jingabru.

Dwar item 3.1.25 tal-laqgha nru. 9 il-Perit Mark John Scicluna ta' Schembri Infrastructures infurmana b'email li t-toroq ser jitkomplew u l-prezz jibqa bhal qabel.

Dwar item 2.24 tal-laqgha Nru 10 Is-Segretarju qalet li s-Sindku u hi kellhom laqgha mas-Sur Noel Castillo dwar il-banda li ser tingieb Hal-Ghaxaq. Is-Sindku qal li l-banda ser tigi fid-disgha ta' filghaxija u ser tibqa Hal Ghaxaq u mhux titlaq wara siegha.

Dwar item 2.25 tal-laqgha precedenti l-Kunsill ircieva stedina minghand is-Sindku ta' Samokov il-Bulgarija ghal tlett persuni qabel il-31 ta' Marzu 2010. Din li stedina ser tintlaqa u gie deciz li tlett persuni jmorru Samokov. Ghad mhux deciz ezatt min se jmur.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna dwar il-Posta Eletronika għal Kull Kunsillier. Irċevejna wkoll sabiex nagħtu informazzjoni dwar x'toroq il-Kunsill qed jippjana matul 2010, fejn ġiet imwieġba. Mid-Dipartiment irċevejna *press release* dwar il-Karnival 2010, fejn dawk il-Kunsilli nteressati li ssir promozzjoni ta' l-attivitajiet li jkun ser isiru matul dawn il-ġranet jinfurmaw id-Dipartiment tal-Kultura. Il-Kunsill baghat l-informazzjoni.

   Irċevejna wkoll Memo 89/2009, dwar l-Allowance li ser jibda jingħata lill-Kunsillieri. Din ser tinghata kull sitt xhur u ghanda tkun proporzjonata man-numru tal-laqghat li Kunsillier ikun attenda fis-sena kalendarja.. Flimkien mal-allowance kull Kunsillier ser ikollu email account imhallas mil-fondi tal-Kunsilli Lokali u

ghandhom jispiccaw l-ittri, karti u kopji. Huwa dmir tal-Kunsillier li jiccekkja b'mod regolari l-emails li jigu mibghuta lilu mill-Kunsill. Memo 90/2009 dwar l-Iskemi ta' Fondi Speċjali 2010, dwar fondi li jista' japplika għalihom il-Kunsill. Irċevejna wkoll Memo 1/2010 dwar Tqassim ta' Dokumenti lill-Kunsillieri. Dwar din il-Memo, is-Sur Vassallo flimkien mas-Sur Abdilla u is-Sur Picco urew ix-xewqa li jibqghu jzommu l-email address personali taghhom biex jintbaghatulhom id-dokumenti. Dawn huma lelivassallo@melita.net, jabdilla1@yahoo.com, u a-5765@hotmail.com rispettivament. Irċevejna Memo 2/2010 rigward il-Fond ta' Ko-finanzjament għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt Programmi ta' l-UE. Memo 3/2010 li titratta it-Tibdil fl-Onorarju tas-Sindku. Memo 4/2010 dwar '*Risk Assessment*' tal-*Playing Fields*. Irċevejna wkoll Memo 5/2010 dwar *Urban Improvement Fund* tal-MEPA. Memo 6/2010 dwar Taħriġ għal użu bażiku tal-kompjuter, l-internet u l-email lill-Kunsillieri, fejn infurmajna li ser jattendu s-Sindku u l-Kunsillier Agius u Attard. Irċevejna Memo 7/2010 dwar l-Iskema dwar Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet. Memo 8/2010 dwar Xoġhlijiet ta' Trinek fit-Toroq mill-Kunsilli Lokali. Memo 9/2010 dwar Xogħol fuq Toroq Residenzjali. Din giet imwiegba. Memo 10/2010 Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva fejn din ġiet mwieġba wkoll. Memo 11/2010 dwar ERDF għal Proġetti fil-Qalba tal-Lokalitajiet, rigward din il-Memo d-Dipartiment informa wkoll li din tapplika l-aktar għal dawk il-Kunsilli Lokali li jinsabu f'Żoni Turistiċi . Memo 12/2010 titttrata Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar, fejn din ġiet imwieġba.

Memo 13/2010 dwar il-Preparazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma għas-Sena 2010 li jridu jsiru sal-15 ta' Frar 2010 u Laqgħa Annwali li trid issir sa l-ahhar ta' Jannar. Il-Kunsill iddecieda li l-Laqgha Annwali issir il-Hamis 28 ta' Jannar 2010 fis-6.oopm.

Memo 14/2010 dwar Skema għal Inizjattivi t' Attivitajiet favur il-wirt kulturali tal-lokalita'. Irċevejna Memo 15/2010 dwar Fondi Speċjali għal Lokalitaijiet bi Bżonnijiet Speċjali. Memo 16/2010 dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabilita' tal-Libreriji Lokali. Irċevejna wkoll Memo 17/2010 li tittrata dwar il-Ħatra ta' Udituri tal-Gvern Lokali. Memo 18/2010 tittrata dwar Skema ta' Finanjzament għal Lokalitajiet Sostenibbli. Is-Sindku qal li jixtieq jghamel appuntament il-MEUSAC biex jara x'fondi hemm li nistghu napplikaw ghalihom. Qal li ix-xewqa tieghu hi li jghamel rdieden jew sistema photovoltiac ghal energija solari u din l-energija tkun tista tinghata lir-residenti u iz-zejjed li jkun hemm tinghata lill-EneMalta. Qal ukoll li l-Gvern jkun jista jixtri l-energija zejda u jikkompensa lir-residenti billi jnaqsilhom il-kontijiet.

Il-Vici Sindku qal li ma jahsibx li l-EneMalta tixtri energija li tkun zejda ghal haddiehor. Is-Sur Picco qal li tkun spiza enormi li jsiru l-*Windfarms(irdieden)* kif qieghed jissuggerixxi is-Sindku.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċevejna dwar Ammonti Dovuti mill-Korporazzjoni Servizzi ta' l-Ilma dwar re-instatment ta' toroq fejn isiru trinek mill-KSI ( WSC), fejn il-Kunsill qed jintalab sabiex jissottometti l-ammont dovut mill-WSC sabiex l-AKL tippreżenta rikors gudizzjarju. Irċevejna wkoll dwar il-Patt tas-Sindki. Mill-AKL irċevejna dwar *TV Slot*, fejn qed jiġu mistiedna dawk il-Kunsilli nteressati l-ewwel 20 li japplikaw sabiex tiġi mxandra xi inizjattiva li jkun qed/ser jagħmel il-Kunsill fuq it-TVM bi ħlas ta' € 200.

3. Mingħand il-Bord ta' l-Evalwazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, wieġbu l-e-mail li ntbagħatet sabiex il-Kunsill jkun mgħarraf għaliex tali applikazzjoni ma ġietx aċċettata. Ir-raġuni kienet li peress li kien hemm ħafna applikazzjonijiet intagħżlu l-aħjar 20 proġetti mill-Kunsilli Lokali.

   Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn qed jitlob informazzjoni minn kull lokalita' dwar spazji u faċilitajiet li qed jintużaw għal skopijiet kulturali.

4. Mill-Kumitat Konġunt irċevjna e-mail dwar is-sekwestru li ġie kjarifikat kollox mal-banek u li s-Sur Montanaro għandu f'idejh id-dokumenti kollha meħtieġa f'dan ir-rigward u kull min irid jista' jagħmel kuntatt miegħu għal aktar informazzjoni. Irċevejna wkoll mill-Qorti Ċivili dwar l-istess suġġett l-Avviż għas-smigħ tal-kawża nhar is-16 ta' Frar, 2010, fl-10:00 a.m.

5. Mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti fejn talbu informazzjoni dwar x' attivitajiet kulturali li ser isiru matul April u Ġunju, 2010.

6. Mill-WasteServ Malta Ltd., fejn infurmaw li ser isir Seminar fit-22 ta' Jannar, 2010, fil-Sala tal-Konferenza ġewwa d-Dar tal-Mediterran, il-Belt. Għal dan is-seminar ser jattendi s-Sur Picco.

7. Irċevejna e-mail mingħand Koperattivi Malta dwar Konferenza fuq l-Ambjent li ser isir fit-22 ta' Jannar, 2010, ġewwa l-Lukanda Dolmen fil-Qawra. Għall-Konferenza ser jattendu s-Sindku, l-Kunsillier Agius u s-Segretarju Eżekuttiv.

8. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjoni Nru. PA 4720/03 fi Triq il-Belt Valletta, dwar l-Impjant li hemm propost, fejn il-Kunsill intalab sabiex tkun tista' isir laqgħa mal-partijiet kollha kkonċernati fuq din il-materja. Intbagħatet l-oġġezzjoni tal-Kunsill. Irċevejna Notifika ta' Avviż fuq Permess Nru. PA 6286/09 ta Triq il-Gudja fejn resident iddivida post fi tnejn, bena kamra fil-bitha u bidel l-uzu tal-garaxx..

9. Mingħand is-Sur Bajada tal-WasteServ, fejn qed jitlob kjarifikazzjoni minn naħa tal-Kunsill dwar l-agreement propost għal kiri tal-BIS bins.
   Dwar li skart is-Sur Picco qal li l-ahjar is-Survey jintbaghat kif inhu biex il-Kunsill ikollu *feedback* minghand ir-residenti xi jridu. Is-Sindku qal li s-*Survey* twil wisq. Is-Sindku qal ukoll li hemm problema jekk il-Kusill jibqa bli skips biss ghax il-kuntrattur qieghed jigi mwaqqaf li jarmi il-*landfill* meta jkollu kartun kbir.
   Is-Sindku qal li l-ahjar ikun hemm anqas skips u tohrog tender biex isir gbir ta skart mid-djar bli scammel. F'certi granet tingabar il-borza griza biss u granet ohra li skart bieb-bieb bli *scammel.* Is-Sur Attard semma il-kazini u l-hwienet li ghandhom jigu avzati biex ikollhom li skips taghhom. Is-Sur Abdilla qal li jibza li meta titbiddel is-sistema n-nies mhux dejjem jaqblu.
   Is-Sinjura Agius filwaqt li qalet li n-nies iridu jitghallmu jisseparaw, staqsiet jekk il-kuntrattur jigborx minn kullimkien jew fejn ma jkunx hemm skips biss. Qalet ukoll li hi tahseb li n-nies jippreferu li skips kif hi tgħamel ukoll. Is-Sindku qal li dan jiġbor minn kullimkien fi ġranet speċifici u mhux l-ideja li jitneħħew li skips.

Is-Sur Abdilla qal li numru sostanzjali ta' koppji fir-rahal jahdmu u ghalhekk dawn johorgu jarmu filghaxija.
Is-Sur Attard qal li veru hafna nies iridu li skips imma hawn hafna nies li jgergru minhabba li dawn jarmu certu intejjen.
Is-Sur Vassallo qal jaqbel li incaqalqu xi haga u nghamlu survey fejn nghidu x'se jsir minn issa l-quddiem. Qal ukoll li jahseb li jekk li skart jingabar bieb bieb ir-resident ikun aktar komdu.
Il-Kunsillier Picco qal li irridu naraw ukoll x'hin jghaddi ta' li scammel u indarru in-nies jiseparaw.
Is-Sur Abdilla qal li nippreparaw *tenders* biex nipprovdu servizz ta' *scammel* u nnaqsu in-numru ta' *skips*. Is-Sindku qal li johrog it-tender ghal bejn 30 u 40 skip izda is-Sur Abdilla qa li l-ahjar li johrog ghal 40 skip mill-ewwel biex il-prezz ikun aktar vantagguz.

Il-Kunsill wasal ghad-decizjoni li johrog zewg tenders,

1) Kollezzjoni ta' skart bieb-bieb mit-Tnejn sas-Sibt, jumejn minnhom ikun skart separat fil-boroz grizi.
2) Provizjoni u tindif ta' 40 skip

Is-Sinjura Agius qalet li l-ahjar nibghatu informazzjoni lir-residenti x'se jisseparaw.
Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill jibghat *leaflet* lir-residenti fejn jigu nfurmati li gejna mgghelin nibdlu s-sistema tal-gbir ta' li skart.

10. Mingħand is-Sur D'Amato dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Iskejjel taż-Żfin għal waqt il-Karnival 2010.

11. Irċevejna e-mail mingħand is-Sinj, C. Vassallo ta' Triq id-Dejl, fejn qalet li ġewwa Ħal Għaxaq qed jiġi kkunsmat ħafna elettriku, fejn tagħat ukoll xi eżempji ta x'jista' jsir.

12. Mill-A.T. infurmaw li hemm *road humps* mhux approvati fi Triq G. Gravina fejn il-Kunsill wieġeb li dawn mhux qegħdin fl-imesmmija triq imma fi Triq G. Demicoli u Triq il-Gistakor u wkoll li ilhom hemm għal aktar minn għaxar snin.

13. Mingħand ASL irċevejna kwotazzjoni rigward tneħħija ta' l-antennas.

14. Mingħand l-ETC infurmaw, li l-Korsijiet gewwa l-ufficcju tal-Kunsill fuq il-Malti Bażiku ser jibdew bejn Mejju u Ġunju, 2010.

15. Mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni rċevejna li ser jibdew xi korsijiet qosra għal adulti.

16. Mill-FZL Għaxaq, irċevejna dwar proposti li għandhom għal Karnival 2010 b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Dwar dawn il-proposti is-Sindku qal li dawn saru tard wisq, filwaqt li is-Sur Picco qabel li dawn saru tard wisq qal ukoll li ma jixtieqx li certu inizjattivi li jkollhom iz-zaghzagh jinhonqu.
Is-Sindku qal li minhabba li diga giet approvata u ser issir attivita tal-Kunsill nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2010 fil-Pjazza, il-pjazza mhux kbira bizzejjed biex isir palk u fl-istess hin jkunu jistghu jghaddu l-karrijiet.

Is-Sur Picco qal li hu jixtieq li jghamel kuragg liz-zaghzagh u xtaq li forsi isir xi pjan iehor biex iz-zaghzagh jghamlu attivita.
Is-Sur Abdilla qal li difficli li z-zewg attivitajiet isiru flimkien ma jistax wiehed idoqq w iehor ikanta. Qal li l-ahjar dawn jghamlu l-attivita gurnata ohra. Zied jghid li jekk jinholoq sotto-kumitat taz-zaghzagh il-Kunsill ikun jista jibbagitja ghalih.
Is-Sidku issuggerixxa li z-zaghzagh jorganizzaw wine & pizza party ghat-tfal bil-kostum.
Hawnhekk is-Sur Picco semma attivitajiet kulturali fejn staqsa lill-Kunsillieri jekk il-Kunsill hux kapaci jghamel attivitajiet kulturali. Qal li jkun sabih kieku jsir xi haga kif sar mil-Kunsill tal-Gudja, attivita tal-Milied.

17. Mingħand l-Għaqda Mużikali St.Marija bagħatu sabiex il-Kunsill iħallas is-somma ta' € 780 li kienet giet approvata milll-Kunsill għat-tiżjin tat toroq fil-Milied.

18. Mingħand Dr. Busuttil dwar l-oġġezzjoni tagħna rigward l-Impjant taż-Żejt.

19. Irċevejna e-mail mingħand is-Sur Pace dwar ix-xogħol li qed isir mill-WSC fuq l-estenzjoni tas-sistema ta' drenaġġ li bħala kuntrattur li qed jessegwixxi xogħol huwa Denfar Ltd., dwar Triq D. Buttiġieġ u Triq San Ġorġ, fejn intbagħatet '*acknowledgement*'.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lil *Schembri Infrastructures Ltd.*, sabiex il-Kunsill ikollu stampa ċara ta' x'pożizzjoni qiegħed dwar it-toroq, fejn huma għarrfu li t-toroq in kwistjoni ser jitkomplew fil-ġranet li ġejjien.

b) Intbagħatet e-mail lill-Ispettur Mercieca fejn il-Kunsill irraporta dwar il-ħruq ta' skip fi Triq G. Gravina k/m Triq G. Vella, fejn l-istess Spettur talab x'informazzjoni dwar il-każ.

c) Intbagħatet e-mail lill-Wasteserv sabiex jinħareġ xi tip ta' permess lill-Clean Away Services Ltd. lill-vettura BBS 663, peress li ġie mwaqqaf milli jbattal il-landfill minħabba ammont ta' kartun li qed jintrema fl-iskips. Minn naħa tal-WasteServ irċevejna li l-kartun irid jiġi mormi Sant'Antnin u ser jingħata biss permess għal żmien limitat ħafna sakemm jiġi miġbur b'mod separat.

d) Intbagħatet e-mail lill-kumpanija GO rigward kontijiet li jitħallsu l-Kunsill, peress li qed jirriżulta li n-nies qed jiġu ċċarġjati € 2.33 żejda, meta l-individwi jħallsu fi żmien li ma jeċċedix id-data li jkun hemm fuq il-kont u anke l-Kunsill minn naħa tiegħu dejjem iddepożita kollox kif suppost. Għaldaqstant infurmajna lill-GO li *charge extra* mhux ser tinżamm mal-ħlas tan-nies, peress li l-iżball sar minn naħa tagħhom.

e) Lill-*Ell's Urban Services Ltd*, il-kuntrattur tal-*patching* tal-Kunsill fejn tlabna li ssir laqgħa miegħu.

f) Ittra lil Dr. Azzopardi, Segretarju Parlamentari, fejn il-Kunsill jixtieq jieħu *guardianship* taż-Żebbuġ fil-Wied ta' Ħas Saptan, biċċa art fi Triq P. Cassar u biċċa art oħra fi Triq il-Gudja k/m Dawret Ħal Għaxaq.

**Hawnhekk is-Sur Picco kellu bzonn johrog mil-kamra fuq appuntament personali.**

## 4. Performance Appraisals

Is-Segretarju qrat il-Performance bonus li thejja ghall li skrivana ghat-tnax il-xahar li ghaddew. Wara li gie spjegat il-kontenut tar-rapport , is-Sur Vassallo, sekondat mis-Sinjura Agius, ippropona li l-iskrivana tinghata il-bonus ta' 6% u l-Kunsill qabel.

F'dan li stadju is-Segretarju harget mil-kamra waqt li kien qed jigi evalwat l-Performance Bonus taghha. Is-Sindku spjega l-kontenut u meta is-Segretarju giet mgharrfa li ser tinghat 7% x'taqet tinghata spjegazzjoni ghalhiex kienet qed tigi mghotija dan il-percentagg li wara gie irrangat ghal 8%. Is-Segretarju ma kienetx sodisfatta bir-risposti li wiegeb bihom is-Sindku ghaliex kien hemm fejn kiteb li hi tiggieled mal-haddiema w is-Segretarju spjegat li hi mhux tiggieled maghhom izda tghidilhom biex ma jitilqux kmieni minn fuq ix-xoghol. Qal ukoll li hi cemplet lill tal-IPSL biex tkun taf min jghati safety shoes lill-haddiema taghhom, is-Segretarju wiegbet li veru cemplet ghalhiex ma ghandhiex tkun taf, il-haddiem tal-gvern li jahdem mal-Kunsill jinghata kollox mill-Gvern. Ghaldaqstant fuq dawn il-kontroversji hi ma iffirmatx l-appraisal u qalet li se tghamel appuntament mad-Direttur ghall-Gvern Lokali.

## 5. Toroq

Is-Sindku qal li kejjel it-toroq kollha u b'kollox hemm 30 triq biex isiru mill-Kunsill. Qal li l-Gvern se johrog skema tal-PPP fejn il-kuntrattur ikun responsabbli ghal 10 snin ghal manutenzjoni tat-toroq. Qal li l-Gvern se johrog template tat-tender u dan il-Kunsill irid imxi fuqu. Is-Sur Vassallo qal ukoll li l-ammont ta' flus li jibbagittja il-Kunsill jigi irduppjat mil-Gvern. Is-Sindku qal li ser isir resurfacing tat-toroq kollhali kejjel.

## 6. Impjant taz-Zejt

Dwar il-Laqgha li l-Kunsillieri (minbarra is-Sur Abdilla li qal li ma kienx infurmat li ser issir il-laqgha) flimkien mas-Segretarju, l-Ghaqdiet tar-rahal, il-Perit Marvin Ellul u l-avukat Luciano Busuttil ma rapprezentanti tal-Kumpanija Falzon li qed tipproponi li jsir impjant taz-zejt f'Hal Ghaxaq, is-Sindku qal li ma ittiehdet l-ebda decizjoni u ser issir laqgha il-MEPA fejn il-Kunsill se jipprezenta l-oggezzjonijiet tieghu.
Is-Sindku qal li waqt il-laqgha saru mistoqsijiet dwar jekk ikunx jista jibqa jinharaq in-nar, jekk l-assikurazzjoni tan-nar tkun gholja min se jkoprijha. Is-Sindku qal ukoll li it-tankijiet mhux se jkunu jidru minn barra ghax kollox se jkun maghluq u se jkunu msaqqfin.

Is-Sur Abdilla staqsa jekk il-mili tat-tankijiet kif se jsir. Is-Sindku wiegeb li dan se jsir bil-bowser

Is-Sur Attard qal li ghalkemm ir-rapprezentanti ta' Falzon qeghdin jghidu li in-nar tal-festa jista jibqa jinharaq minn fejn qieghed issa, dawn ma tawx garanzija jekk il-pulizija twaqqafhomx milli jaharqu n-nar.
Is-Sur Abdilla qal li l-ahjar tissejjah laqgha ghal kulhadd u l-Kunsill ghandu jiddeciedi fejn irid jasal u jkun hemm assikurazzjoni u garanzija ta' l-affarijiet kif ser isiru ghax kulhadd jaf li meta xi hadd irid jghamel xi haga dan anka l-ilma jghamel jizfen imma ma jkun ifisser xejn.

Is-Sur Abdilla qal ukoll li l-argument hu li l-Kunsill jibqa jghid li dan l-impjant ma jsirx, jek il-MEPA tghid iva, is-sidien iridu jghatu garanzija. Is-Sindku qal li hu se jghid lil-MEPA biex tghamel garanzijja.

Is-Sur Abdilla staqsa jekk din il-kumpanija hux se tikkontribwixxi xi haga lejn ir-rahal. Is-Sindku wiegeb li iva din bi hsieba tikkontribwixxi.

7. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsillieri</u>**

1. Is-Sinjura Agius qalet li hemm il-htiega ta' bozza ma arblu fi Triq San Gorg. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Vici Sindku qal li minn Santu Rokku sal-Pjazza ta' Santa Marija ghax il-fili tal-kurduna tal-bankina ghandhoma bzonn li jitrangaw u tinghata tibjida bis-siment abjad. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sur Attard qal li hemm il-htiega ta' bozza ma arblu fi Triq Carmelo Rosario Dimech. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Abdilla qal li jehtieg titressaq il-bozza li hemm Zejtun Road ghax qed taqla il-hajt. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li hemm bozza fil-Pjazza kantuniera ma' Triq Dun Guzepp Naudi li ghanda bzonn titressaq.

6. Is-Sur Vassallo qal li jehtieg li nhallsu pagament iehor lill-Kuntrattur Schembri Barbros ghal progett tal-grawnd. Il-Kunsill iddecieda li jithallsu €20,000.

## 8. Aġġornament

Is-Sindku fit-8.20 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 11 ta' Frar 2010 fis-5.30pm

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- il-Hamis 11 ta' Frar 2010 fil-5.30pm